**DIRETTORAT TAL-KULTURA**
**KOMPETIZZJONIJIET NAZZJONALI TAL-PRESEPJI U PASTURI MILIED 2024**

IR-REGOLAMENTI ĠENERALI GĦALL-KOMPETIZZJONIJIET TAL-PRESEPJI 2024 - A

Id-Direttorat tal-Kultura qiegħed iniedi dawn il-Kompetizzjonijiet tal-presepji u pasturi għall-Milied 2024, marbuta b'regolamenti kif dettaljati hawn taħt:

**KATEGORIJI TAL-KOMPETIZZJONI**

| | |
|---|---|
| Kompetizzjoni Numru 1 | Presepju mekkaniku kbir |
| Kompetizzjoni Numru 2 | Presepju statiku kbir |
| Kompetizzjoni Numru 3 | Presepju mezzan (ta' qies medju) |
| Kompetizzjoni Numru 4 | Presepju żgħir |
| Kompetizzjoni Numru 5 | Presepju stil Malti |
| Kompetizzjoni Numru 6 | Xogħol ta'pasturi li jinħadmu lokalment minn 1cm sa 20cm |
| Kompetizzjoni Numru 7 | Xogħol ta' pasturi li jinħadmu lokalment minn 20cm 'il fuq. |
| Kompetizzjoni Numru 8 | Post t'esibizzjoni |

**REGOLAMENTI**

1. Presepji li kklassifikaw fl-ewwel post f'kull kategorija fis-sena 2022 u 2023, iridu jkunu nofshom mibdul 50% mis-snin ta' qabel.

2. Pasturi li ġew klassifikati fl-ewwel post f'kull kategorija fis-sena 2022 u 2023 ma jistgħux jerġaw jintuzaw għal din il-kompetezzjoni tal-pasturi.

3. Trid issir applikazzjoni differenti għal kull presepju jew sett ta' pasturi li japplikaw għal din il-kompetizzjoni taħt kull kategoriji differenti.

4. Il-presepji tal-kompetizzjoni se jiġu assessjati u esebiti fil-post tal-parteċipant.

5. F'dawn il-kompetizzjonijiet m'għandu qatt jintuża s-sagħtar,zkuk nexfin tas-sagħtar jew sagħtar importat u / jew il-pjanti u / jew xi xorta ta' materjal ieħor ipprojbit mil-liġi. Kull min ma jħarisx dawn ir-regolament jiġi skwalifikat.

6. Kull Presepju fil-kompetizzjoni jrid ikun miftuħ għall-pubbliku mit-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024 sal-Ħadd 5 ta' Jannar 2025. Il-ħinijiet tal-wiri għandhom ikunu bejn il-17.30 u t-20.30 ta' filgħaxija, mit-Tnejn sal-Ħadd. Il-Ħdud u l-Festi jkunu miftuħa wkoll filgħodu bejn l-10.00 ta' filgħodu u 12.00 nofsinhar. Kull applikant jista' jżomm il-post tal-wiri miftuħ f'ħinijiet itwal u / jew ġranet aktar milli mitlub.

7. Dawk l-esebituri li jixtiequ jiftħu ġranet iktar minn dawn ta' hawn fuq jew ħinijiet itwal huma mitluba biex iniżżlu d-dati u l-ħinijiet fl-applikazzjoni ta' hawn taħt.

8. Fil-25 ta' Diċembru 2024 u fl-1 ta'Jannar 2025 mhux ħa ssir aġġudikazzjoni.

9. Għal kull wirja li tkun qed tieħu sehem fil-kompetizzjoni, għandha titwaħħal tabella b'PRESEPJU / CRIB fuq barra fuq strixxa drapp (banner), kartellun jew mezz ieħor, biex juri fejn il-presepju/i ikun armat/i għall-wiri. Kull permess neċessarju mill-awtoritajiet kompetenti għat-tħwaħħil/tqegħid ta' dawn is-sinjali huwa responsabbilta` tal-applikant.

10. Id-dħul għal kull Wirja eżebita għall-kompetizzjoni għandu jkun bla ħlas, iżda hu permess li jitpoġġa xi reċipjent viċin il-presepju għad-donazzjonijiet.

11. Il-presepji reġistrati għall-kompetizzjoni, għandhom ikunu mmarkati bil-kliem: KOMPETIZZJONI NAZZJONALI TAL-PRESEPJI 2024 u bl-indikazzjoni ċara ta' isem il-parteċipant, u l-kategorija li qiegħed jiħu sehem fija.

12. Il-ġurija għandha d-dritt li ma tagħtix il-premju/premjijiet jekk skont il-ġudizzju tagħha ma jkunx intlaħaq il-livell meħtieġ. F'kull każ id-deċizjonijiet tagħha jkunu finali u inappellabbli.

13. Il-membri kollha tal-ġurija għandhom id-dritt li jżuru l-presepji kemm-il darba jixtieqú fil-ġranet u l-ħinijiet imsemmija għall-wiri.

14. Kull applikant għandu jissottometti l-qisien eżatti tal-presepju u pasturi li jdaħħal għall-kompetizzjoni kif stipulat fl-istess formola tal-applikazzjoni.

15. Kull parteċipant obbligat jagħti l-kunsens għal teħid ta' ritratti jew filmati, għall-użu ta'publikazzjoni/jiet mid-Direttorat tal-Kultura għal żmien indefinit.

16. L-applikazzjonijiet annessa hawn taħt, għanda tiġi kompluti b'mod ċar bid-dettalji kollha mitluba,li għandhom jintbagħatu lil ich.malta@gov.mt sal-Ġimgħa 22ta' Novembru 2024 sa nofs il-lejl jew jitwasslu bl-idejn sa mhux aktar tard mil-Ġimgħa 22ta' Novembru 2024 bejn id-9:00 u t-14:00 ta' wara nofsinhar, fl-Uffiċċju tad-Direttorat tal-Kultura, 21, Chateau de la Ville, Archbishop Street, Valletta. Trid tintbgħat irċevuta lura minn naħa tad-Direttorat tal-Kultura li s-sottomissjoni tkun waslet. Jekk dan ma jsirx id-Direttorat tal-Kultura għandu jkun infurmat qabel 22ta' Novembru 2024. L-ebda applikazzjoni ma tkun aċċettata jekk tasal wara dan il-ħin tal-ġurnata msemmija. Ikun hemm ħlas ta' €10.00 għal kull applikazzjoni li trid tintbgħat biss permezz dan il-kont:

**Account Number: 40001EURCMG5001H**

**IBAN Number: MT55MALT011000040001EURCMG5001H**

**Swift (BIC) Code: MALTMTMT**

**"Department 64" when processing the bank transfer.**

***Ma jistawx jinġabru flus kontanti.***

17. Jingħata ċertifikat ta' parteċipazzjoni lill-presepisti/artisti/statwarji kollha li jipparteċipaw.

18. Il-ġurija tirriserva d-dritt li tgħaddi rikonoxximent permezz ta' tifkira lill-presepist/i għal numru ta' snin ta' kontribuzzjoni, impenn u ħidma kontinwa favur il-ħidma tal-presepju.

19. Il koordinatur/i flikimen mal ġurija ma jistgħux jieħdu sehem fil-Kompetizzjoni 'A' imma jistgħu jieħdu sehem fil-Wirjiet 'B' biss.

20. Kull min jieħu sehem f'dawn il-kompetizzjonijiet għandu jimla d-dettalji kollha meħtieġa fuq il-Formola tal-Applikazzjoni annessa hawn taħt.

21. Mal-applikazzjoni, l-applikant ikun qed jagħti kunsens li l-isem tiegħu, l-indirizz tal-post fejn qed issir il-wirja u numru tat-telefon, jiġu ppubblikati għall-interess tal-pubbliku.

22. Kull esebitur/parteċipant li qiegħed jieħu sehem irrid jagħti l-kunsess sħiħ biex id-dettalji tiegħu flimkien mar-rizultat li jiġu mibgħuta wkoll lil parteċipanti l-oħra li qedin f-istess kategorija.

23. Jintbgħat il-poster tal-wirja  sal-ġimgħa 22 ta' Novembru 2024.

24. L-ebda komunikazzjoni permezz ta, mezzi soċjali, telefonati u mezzi oħra  ma għandhom jsiru bejn il-parteċipant u l-board, l-organizzaturi u l-ġudikanti ħlief permezz ta' email fuq ich.malta@gov.mt.

## IR-REGOLAMENTI INDIVIDWALI GĦAL KULL KOMPETIZZJONI

KOMPETIZZJONI NUMRU 1 – PRESEPJU MEKKANIKU KBIR

1. Il-Ġurija fil-verdett konklussiv tagħha żżomm dawn il-punti ta’ hawn taħt:

   a. Il-qies tal-presepju għandu jkun mhux anqas minn 3 metri kwadri (area 3m²);
   ***NB (area ta’ 3m²); huwa qies li meta timultiplikhom flimkien ma jigiex inqas minn 3m²***
   b. In-numru tal-pasturi jiċċaqilqu għandu jkun mhux anqas minn 12 il-pastur.Pasturi, n-nagħaġ u l-annimali l-oħra mwaħħla fuq ċinga miexja jitqiesu bħala pastur wieħed.
   L-anġli u l-għasafar jitqiesu wkoll bħala oġġett wieħed;
   c. Moviment tal-ilma, l-imtieħen u l-varjazzjonijiet fuq id-dwal ma jitqisux bħala movimenti, iżda bħala parti mix-xenarju ġenerali tal-presepju;
   d. Jista’ jintuża kull tip ta’ materjal għall-presepji f’din il-kompetizzjoni, barra dak projbit mill-liġi kif imsemmi fir-regolamenti ġenerali.

2. Kull membru tal-ġurija individwalment jagħti l-punti fuq dawn il-kriterji:

   a. il-pożizzjoni tan-nativita u l-ambjent ta’ madwarha;
   b. il-ħidma tal-materjal użat iqarreb lejn dak reali kif ukoll il-kuluri u l-isfumaturi applikati;
   c. l-artistrija fil-bini, il-fond, l-għoli, l-perspettiva u l-irfinar tax-xogħol;
   d. it-tqassim, il-proporzjon; il-kulur; l-isfumaturi u l-konsistenza fl-istil tal-pasturi. Tingħata konsiderazzjoni lill-pasturi maħdumin lokalment;
   e. il-moviment tal-pasturi;
   f. l-atmosfera maħluqa permezz tad-dwal u dellijiet, mużika u / jew tar-rakkonti li jinstemgħu waqt il-wirja;
   g. Veġetazzjoni;
   h. Id-dehra sħiħa ġenerali.

3. Il-premjijiet għal din il-kompetizzjoni huma:

| | |
|---|---|
| L-ewwel premju: | €900 |
| It-tieni premju: | €700 |
| It-tielet premju: | €600 |

KOMPETIZZJONI NUMRU 2 – PRESEPJU KBIR U STATIKU

1. Il-Ġurija fil-verdett konklussiv tagħha żżomm dawn il-punti ta' hawn taħt:

   a. Il-qies tal-presepju għandu jkun mhux anqas minn 3 metri kwadri (area $3m^2$);
   ***NB (area ta'$3m^2$); huwa qies li meta timultiplikhom flimkien ma jigiex inqas minn $3m^2$***
   b. Il-presepji f'din il-kompetizzjoni m'għandux ikollhom movimenti għajr forsi il-mitħna ddur u / jew l-ilma;
   ċ. Jista' jintuża kull tip ta' materjal għall-presepji f'din il-kompetizzjoni, barra dak projbit mill-liġi kif imsemmi fir-regolamenti ġenerali.

2. Kull membru tal-ġurija individwalment jagħti l-punti fuq dawn il-kriterji:

   a. il-pożizzjoni tan-nativita u l-ambjent ta' madwarha;
   b. il-ħidma tal-materjal użat, kif ukoll il-kuluri u l-isfumaturi applikati iqarreb lejn dak reali;
   c. l-artistrija fil-bini, il-fond, l-għoli, l-perspettiva u l-irfinar tax-xogħol;
   d. it-tqassim, il-proporzjon; il-kulur; l-isfumaturi u l-konsistenza fl-istil tal-pasturi. Tingħata konsiderazzjoni lill-pasturi maħdumin lokalment;
   e. l-atmosfera maħluqa permezz tad-dwal u dellijiet, mużika u / jew tar-rakkonti li jinstemgħu waqt il-wirja;
   f. Veġetazzjoni;
   g. Id-dehra sħiħa ġenerali.

3. Il-premjijiet għal din il-kompetizzjoni huma:

   L-ewwel premju: €700
   It-tieni premju: €500
   It-tielet premju: €300

## KOMPETIZZJONI NUMRU 3 – PRESEPJU TA' QIES MEDJU (MEZZAN)

1. Il-Ġurija fil-verdett konklussiv tagħha żżomm dawn il-punti ta' hawn taħt:

   a. Il-qies tal-presepju għandu jkun izgħar minn area ta' $3m^2$ imma mhux izgħar 100cm x 60cm.
   b. Dawk il-presepji li jkun taħt it-3 metri kwadri (area $3m^2$) jaqgħu taħt din il-kategorija;
   c. Jista' jintuża kull tip ta' materjal għall-presepji f'din il-kompetizzjoni, barra dak projbit mil-liġi kif imsemmi fir-regolamenti ġenerali.

2. Kull membru tal-ġurija individwalment jagħti l-punti fuq dawn il-kriterji:

   a. il-pożizzjoni tan-nativita u l-ambjent ta' madwarha;
   b. il-ħidma tal-materjal użat, kif ukoll il-kuluri u l-isfumaturi applikati iqarreb lejn dak reali
   c. l-artistrija fil-bini, il-fond, l-għoli, l-perspettiva u l-irfinar tax-xogħol;
   d. it-tqassim, il-proporzjon; il-kulur; l-isfumaturi u l-konsistenza fl-istil tal-pasturi. Tingħata konsiderazzjoni lill-pasturi maħdumin lokalment;
   e. Veġetazzjoni
   f. Id-dehra sħiħa ġenerali.

3. Il-presepji f'din il-kompetizzjoni jistgħu jitpoġġew wara xi apertura tal-ħġieġ b'mod li jkunu jidhru faċilment mit-triq.

4. Il-premjijiet għal din il-kompetizzjoni huma:

   L-ewwel premju: €500
   It-tieni premju: €400
   It-tielet premju: €200

## KOMPETIZZJONI NUMRU 4 – PRESEPJU ŻGĦIR

1. Il-Ġurija fil-verdett konklussiv tagħha żżomm dawn il-punti ta' hawn taħt:

   a. Il-qies tal-presepju ma għandux jkun ikbar minn 100cm x 60cm.
   b. Jista' jintuża kull tip ta' materjal għall-presepji f'din il-kompetizzjoni, barra dak projbit mil-liġi kif imsemmi fir-regolamenti ġenerali.

2. Kull membru tal-ġurija individwalment jagħti l-punti fuq dawn il-kriterji:

   a. il-pożizzjoni tan-nativita u l-ambjent ta' madwarha;
   b. il-ħidma tal-materjal użat, kif ukoll il-kuluri u l-isfumaturi applikati iqarreb lejn dak reali;
   ċ. l-artistrija fil-bini, il-fond, l-għoli, l-perspettiva u l-irfinar tax-xogħol;
   d. it-tqassim, il-proporzjon; il-kulur; l-isfumaturi u l-konsistenza fl-istil tal-pasturi. Tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-pasturi maħdumin lokalment;
   e. Veġetazzjoni
   f. Id-dehra sħiħa ġenerali.

3. Il-presepji f'din il-kompetizzjoni jistgħu jitpoġġew wara xi apertura tal-ħġieġ b'mod li jkunu jidhru faċilment mit-triq.

4. Il-premjijiet għal din il-kompetizzjoni huma:

   L-ewwel premju: €400
   It-tieni premju: €300
   It-tielet premju: €150

## KOMPETIZZJONI NUMRU 5 – PRESEPJU fuq stil Malti

1. Il-Ġurija fil-verdett konklussiv tagħha żżomm dawn il-punti ta' hawn taħt:

a. Il-qies tal-presepju ma għandux jkun iżgħar minn 50cm x 50cm u mhux ikbar minn 100cm x 100cm.
b. Jista' jintuża kull tip ta' materjal għall-presepji f'din il-kompetizzjoni, barra dak projbit mil-liġi kif imsemmi fir-regolamenti ġenerali.

2. Kull membru tal-ġurija individwalment jagħti l-punti fuq dawn il-kriterji:

c. il-pożizzjoni tan-nativita u l-ambjent ta' madwarha;
d. il-ħidma tal-materjal użat, kif ukoll il-kuluri u l-isfumaturi applikati iqarreb lejn dak reali;
ċ. l-artistrija fil-bini, il-fond, l-għoli, l-perspettiva u l-irfinar tax-xogħol;
d. it-tqassim, il-proporzjon; il-kulur; l-isfumaturi u l-konsistenza fl-istil tal-pasturi. Tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-pasturi maħdumin lokalment;
e. Veġetazzjoni
f. Id-dehra sħiħa ġenerali.

5. Il-presepji f'din il-kompetizzjoni jistgħu jitpoġġew wara xi apertura tal-ħġieġ b'mod li jkunu jidhru faċilment mit-triq.

6. Il-premjijiet għal din il-kompetizzjoni huma:

L-ewwel premju: €400
It-tieni premju: €300
It-tielet premju: €150

KOMPETIZZJONI NUMRU 6 – Xogħol ta’ pasturi li jinħadmu lokalment ta’ qies bejn 1ċm-20ċm

1. Il-Ġurija fil-verdett konklussiv tagħha żżomm dawn il-punti ta’ hawn taħt:

a. Il-qies tal-pasturi għandu jkun mhux inqas minn 1ċm u mhux iżjed minn 20ċm.
b. Jista’ jintuża kull tip ta’ materjal.
c. Artist/statwarju/pasturier irrid japplika hu diretament f’din il-kompetizzjoni u mhux il-presepist. Isir ftehim bejn artist/statwarju/pasturier u l-presepist jekk il-pasturi jkunu inkorporati ġo presepju jew xi xena oħra maħduma min terzi.
d. Il-pasturi jistgħu jkunu inkorporati ġo presepju jew jistgħu jkunu esebiti waħedhom.
e. Il-pasturi ħa jkunu iġġudikati fuq l-għamla u l-ħidma tagħhom u mhux fuq l-ambjent u l-atmosfera tal-madwar.
f. L-inqas numru ta’ pasturi esebiti huwa ta’ tmienja. Annimali ma jitqiesux bħala suġġett.
g. Dak l-artist/statwarju/pasturiera li ġie fl-ewwel post fil-kompetizzjoni 2022 u 2023 f’din il-kategorija ma jistax jerġa’ jesebixxi l-istess xogħol li kellhom.

2. Kull membru tal-ġurija individwalment jagħti l-punti fuq dawn il-kriterji:

a. l-oriġinalità;
b. Il-pożizzjoni tal-pastur;
ċ. l-irfinar u karattru tax-xogħol;
d. il-proporzjon tal-pastur ma’ diversi partijiet oħra fil-korp stess.
d. id-dettal
e. il-kuluri u l-isfumaturi.

3. Il-premjijiet għal din il-kompetizzjoni huma:

L-ewwel premju: €400
It-tieni premju: €300
It-tielet premju: €200

KOMPETIZZJONI NUMRU 7 – Xogħol ta' pasturi li jinħadmu lokalment minn 20cm 'il-fuq.

1. Il-Ġurija fil-verdett konklussiv tagħha żżomm dawn il-punti ta' hawn taħt:

a. Il-qies tal-pasturi għandu jkun mhux inqas minn 20cm 'il fuq.
b. Jista' jintuża kull tip ta' materjal.
a. Artist/statwarju/pasturier irid japplika hu direttament f'din il-kompetizzjoni u mhux il-presepist. Isir ftehim bejn artist/statwarju/pasturier u l-presepist jekk il-pasturi jkunu inkorporati ġo presepju jew xi xena oħra maħduma minn terzi.
b. Il-pasturi jistgħu jkunu inkorporati ġo presepju jew ikunu esebiti waħedhom.
c. Il-pasturi ħa jkunu iġġudikati fuq l-għamla u l-ħidma tagħhom u mhux fuq l-ambjent u l-atmosfera tal-madwar.
d. L-inqas numru ta' pasturi esebiti huwa ta' tmienja. Annimali ma jitqiesux bħala suġġett.
e. Dak l-artist/statwarju/pasturiera li ġie fl-ewwel post fil-kompetizzjoni 2022 - 2023 f'din il-kategorija ma jistax jerga' jesebixxi l-istess xogħol li kellhom.

2. Kull membru tal-ġurija individwalment jagħti l-punti fuq dawn il-kriterji:

a. l-oriġinalità;
b. Il-pożizzjoni tal-pastur
ċ. l-irfinar u karatru tax-xogħol;
e. il-proporzjon, tal-pastur ma' diversi partijiet oħra fil-korp stess
f. id-dettal.
g. il-kuluri u l-isfumaturi.

3. Il-premjijiet għal din il-kompetizzjoni huma:

| | |
|---|---|
| L-ewwel premju: | €400 |
| It-tieni premju: | €300 |
| It-tielet premju: | €200 |

KOMPETIZZJONI NUMRU 8 - L-iktar post addattat

1. L-iktar post, ta' soċjetajiet, komunitaijiet, gruppi, għaqdiet, NGO's u individwi fejn jesebixxunumru sabiħ ta' presepji kif ukoll ikun hemm livell għoli ta' presepistika. L-ambjent tal-post kif ikun preparat u adddatat għal festi tal-Milied.

2. Il-premjijiet għal din il-kompetizzjoni huma:

L-ewwel premju: Jingħata trofew
It-tieni premju: Jingħata trofew
It-tielet premju: Jingħata trofew.

**DIRETTORAT TAL-KULTURA**
**KOMPETIZZJONI NAZZJONALI TAL-PRESEPJI**
**MILIED 2024 - APPLIKAZZJONI A**

| | |
|---|---|
| Isem | |
| Kunjom | |

| | |
|---|---|
| Post ta' fejn se ssir il-wirja | |
| Dati u ħinijiet differenti minn dawk stabiliti fl-applikazzjoni. | |
| Numru tal-mobile | |
| Numru ta-telefon | |
| E-mail | ‘ |
| Address postali | |
| Tip ta' presepju u qies | |
| Kategorija | (Immarka ✓)<br>□ Kompetizzjoni Numru 1 - Presepju mekkaniku kbir<br>□ Kompetizzjoni Numru 2 - Presepju statiku kbir<br>□ Kompetizzjoni Numru 3 - Presepju mezzan<br>□ Kompetizzjoni Numru 4 - Presepju żgħir<br>□ Kompetizzjoni Numru 5 - Presepju Malti<br>□ Kompetizzjoni Numru 6 - Xogħol ta' pasturi li jinħadmu lokalment minn 1ċm-20ċm<br>□ Kompetizzjoni Numru 7 - Xogħol ta' pasturi li jinħadmu lokalment 20ċm 'il fuq<br>□ Kompetizzjoni Numru 8 - l-iktar post addattat |

(Immarka ✓)

- ◻ Ritratti tal-poster tal-wirja hi-resolution permezz ta' email.
- ◻ Kunsens għat-teħid ta' ritratti, video u pubblikazzjoni ta' data personali kif ukoll biex ir-rizultati ikunu magħrufa mal-perteċipanti ta' l-istess kategorija.

DATA :_________________________________

FIRMA TAL-APPLIKANT : _________________